QALA

Ref Nru: 11

Il-minuti tal-hdax-il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 15 ta' Frar 2013, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Paul Buttigieg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku. Is-Sindku semma li l-laqgha kellha tinqabez b'gimgha peress li s-Segretarja Ezekuttiva ma kinitx tiflah.

## 2 Karnival 2013.

2.1 Il-Kunsill iddiskuta li l-Karnival 2013 kien ta' success. Il-Kunsill iddiskuta li darb' ohra ghandu jkun hemm inqas kumpaniji ta' zfin halli b'hekk jilhqu jizfnu kollha.

## 3 Formazzjoni ta' kumitat ghall-ghazla ta' l-offerta ghal servizz professjonali ta' Avukat.

3.1 Is-Sindku semma li saret sejha ghall-offerta ghal servizz professjonali ta' Avukat u gew sottometti hames offerti. Huwa ppropona li ghandu jigi format kumitat ghall-ghazla ta' din l-offerta. Il-Kunsill iddiskuta li ssoltu qatt ma kien isir kumitat ghall-ghazla ta' din l-offerta ghalhekk gie deciz li l-ghazla jsir mill-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

## 4 EAFRD mizura 313 - L-ghazla ta' l-offerta ghad-disinjar, manifattura, konsenja u installazzjoni ta' *exhibit showcasing* fil-muzew folkloristiku tal-Qala u l-offerta ghad-disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system*.

4.1 L-ghazla ta' l-offerta ghad-disinjar, manifattura, konsenja u installazzjoni ta' *exhibit showcasing* fil-muzew folkloristiku tal-Qala.

4.2 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Huwa ta spejgazzjoni dwar l-opinjoni tieghu kif ukoll tal-bord li gie format biex janalizza l-offerta ghad-disinjar, manifattura, konsenja u installazzjoni ta' *exhibit showcasing* fil-muzew folkloristiku tal-Qala u jara ghandiex tigi accettatha l-unika offerta li giet sottometta. Dan il-bord iddecida li ghandha tigi accettata l-offerta ta' Brian Mejlaq. Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa` fuq id-decizjoni tal-bord u ghalhekk gie deciz li tigi accettata l-offerta ta' Brian Mejlaq.

4.3 L-ghazla ta' l-offerta ghad-disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system*.

4.4 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Is-Sindku Clint Camilleri u l-Vici Sindku Paul Buttigieg iddikjaraw bil-miftuh li huma ghandhom interess pekunjarju fl-offerta ghad-disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system* u ghalhekk it-tnejn li huma irtiraw mill-laqgha. Huma kienu iddikjaraw bil-miftuh dan u irtiraw mill-laqgha tal-bord li gie format biex janalizza u jara liema offerta ghandha tigi maghzula. Wara dan il-Perit tal-Kunsill ta spejgazzjoni dwar l-opinjoni tieghu kif ukoll tal-bord dwar liema offerta ghandha tigi maghzula. Dan il-bord iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' V & M Vella Imports Co. Ltd. Iz-zewg Kunsillieri prezenti Victor Grech u Jesmond Borg qablu li ghandhom jibqghu fuq id-decizjoni tal-bord. Izda peress li ma kienx hemm *quorum*, l-ghazla ta' din l-offerta ser isir fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## 5 Progetti ohra.

5.1 Is-Sindku semma li gie nformat li l-*Gozo Football Association* ghandhom *budget* ta' €120,000 sabiex il-*ground* tal-futbal tal-Qala jsir bit-*turf*. Huwa semma wkoll li hemm applikazzjoni ohra tal-*Good Causes Funds* li ghaliha ser japplikaw il-Qala Saints FC u li huwa pprepara din l-istess applikazzjoni sabiex jingabu €30,000 ohra. Huwa semma li l-Kunsill Malti ghall-Isports ghandhom applikazzjoni ohra u li ser isir applikazzjoni mill-Qala Saints FC sabiex jinghataw fondi ghall-*floodlights* tal-ground.

## 6 Jum il-Qala 2013.

6.1 Is-Sindku semma li ghal Jum il-Qala 2013 ser jigu organizzati l-istess attivitajiet li ssoltu jigu organizzati. Huwa semma li haga differenti li ser ikun hemm din is-sena hija l-

QALA

maratona li ser tigi organizzatha minn assocjazzjoni tal-maratoni. Dwar l-attivita` 'Hondoq By Night' il-Kunsill iddiskuta li ghandu jsir xi tip ta' *traffic management*.

## 7 *Qala International Folk Festival* 2013.

7.1 Is-Sindku semma li s'issa l-Kunsill ghadu m'rcievex risposta dwar l-applikazzjoni dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012/2013. Huwa semma li ser jinhargu xi applikazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ghall-*festivals*.

## 8 Materji ohra.

8.1 Is-Sindku semma li hemm xi persuni li dahluha f'mohhhom li huwa bhala Sindku jew il-Kunsill Lokali Qala huwa favur il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien, infatti dehru xi artikli fuq il-gazzetti lokali dwar dan. Is-Sindku semma li jixtieq iressaq dikjarazzjoni fejn jigi ddikjarat li ghalkemm deher u ntqal dak kollu, il-pozizzjoni tal-Kunsill baqghet u ghadha l-istess, kif dejjem kienet, jigifieri li l-Kunsill Lokali Qala huwa kontra l-progett kollu. Il-membri kollha prezenti qablu ma din id-dikjarazzjoni. Gie deciz li fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss il-Kunsillier Paul Buttigieg jigi mistoqsi jekk jaqbilx ma din id-dikjarazzjoni. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandha tinhareg stqarrija.

8.2 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva kont minghand l-Arms Ltd. tal-ispejjes tad-dawl u l-ilma ta' 'Gnien il-Familja'. L-ispejjes tad-dawl gie gholi hafna. Huwa semma li f'dan il-gnien hemm il-fanali kif ukoll il-*clubhouse* u ghalhekk huwa qabbad *electrician* fejn dan ghamel *submeter* temporanju sabiex jara kemm qed jinhela dawl mill-fanali u rrizulta li l-kosum qed ikun bejn wiehed u iehor nofs mill-fanali u n-nofs l-iehor mill-*clubhouse*. Is-Sindku ssuggerixxa li l-kont ghandu jithallas nofs mill-Kunsill u nofs lil min qed mikri l-*clubhouse*. Huwa semma li l-Kunsill ghandu japplika mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jigi mwahhal *meter* mal-*clubhouse* biex b'hekk il-konsum ikun ta' kulhadd ghalih. Is-Sindku semma wkoll li saret applikazzjoni ma l-Arms Ltd. sabiex jigi ttestjat il-*meter*. Huwa semma wkoll li l-pannelli *photovoltaic* fi 'Gnien il-Hajja' m'humiex jahdmu sewwa. Il-Kunsill iddiskuta li dawn fihom il-garanzija u ghalhekk gie deciz li jigu kkuntatjati l-Alberta, l-kumpanija li pprovdiet u installat dawn il-pannelli *photovoltaic*, dwar dan.

8.3 Is-Sindku semma li l-applikazzjoni dwar l-iskema energija alternattiva li ghaliha applika l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem xi Kunsilli, fosthom il-Kunsill Lokali Qala, ma gietx accettata.

8.4 Is-Sindku semma li din is-sena mhux ser isir giggifogu fil-festa ta' San Guzepp 2013 u li l-Kunsill m'ghandux x'jaqsam ma dan.

8.5 Is-Sindku semma li huwa gie vvicinat minn persuna li tixtieq tarma bil-*kiosk* f'Hondoq ir-Rummien u fejn huwa gie mitlub sabiex jitlob dikjarazzjoni mill-Kunsill li fejn ser jarma mhux ser jiehu spazju ta' ipparkjar ezistenti. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg semma li jidher li persuni ohra li riedu jarmaw bil-*kiosk* qatt ma gew mitluba jaghmlu dan peress li l-Kunsill

QALA

qatt ma harigx dawn it-tip ta' dikjarazzjonijiet u ghalhekk il-Kunsill ghandu jimxi ma kulhadd l-istess.

**9 Korrispondenza.**

9.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Carmel Abela, fejn il-Kunsill gie nformat illi l-applikazzjoni tieghu dwar l-iskema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar fejn il-Kunsill kien applika ghall-*embellishment* tal-gnien tal-Belvedere, ma ntghazlitx. Din kienet applikazzjoni li saret fil-hames legislatura tal-Kunsill.

9.3 Ittra mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Carmel Abela dwar allokazzjoni finanzjarja Jannar-April 2013.

9.4 Ittra mibghuta minn Dr Raymond C Xerri *Chairman* u Fundatur tas-Serje Ghawdex u l-Ghawdxin dwar donazzjoni ta' volumi tas-settijiet shah u kotba ohra ghall-librerija tal-Kunsill Lokali Qala.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2013.

Clint Camilleri
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva